# Eku tal-bumbardament fuq il-knisja ta' San Publju – 28-04-1942

*Minn* **Publio Agius**

Pilota Ġermaniz jirrakkonta l-esperjenzi tiegħu waqt l-attakk.

***'Jiddispjaċini ħafna għal dak li ġara, imma jien kont wieħed mill-piloti Ġermaniżi li konna attakkajna dan it-tempju...........'***

Sa xi snin ilu lejliet il-festa ta' San Publju, il-parroċċa tal-Furjana kienet tistieden lil xi ambaxxaturi u turisti biex iżuru l-knisja li kienet tkun armata u mżejna kif imiss għall-okkażjoni tal-festa. Għalihom kienu jiġu organizzati *tours* mal-knisja b'diversi lingwi. Niftakar rakkont li l-papà tiegħi Antonio Agius (1899-1987) kien iħobb jgħidilna. Hu kien intiż dwar l-istorja tal-knisja tal-Furjana u għalhekk kien ikun wieħed minn dawk li kienu jiddeskrivu l-istorja tal-knisja u dak kollu li għaddiet minnha matul iż-żmien.

Sena minnhom ġew iżuru l-knisja tagħna grupp ta' turisti Ġermaniżi fost oħrajn, u naturalment ma naqsux li jisimgħu bil-ġrajja tal-bumbardament fuq il-knisja ta' San Publju, fit-28 t'April 1942. B'attenzjoni kbira semgħu kif il-poplu Furjaniż kien tilef bosta mill-opri sbieħ li sa dakinhar kienu jżejnu t-tempju tagħna, fosthom il-linef tal-kristall tal-Boemja li ftit kien hawn bħalhom f'Malta.

***Niftakru jgħid li meta ġiet fi tmiemha ż-żjara li kienu qed jagħmlu fil-knisja, wieħed anzjan li kien mal-grupp ta' turisti Ġermaniżi għamel sinjal lil papa li xtaq ikellmu. Ġibdu fil-ġenb u minn taħt l-ilsien qallu "Jiddispjaċini ħafna għal dak li ġara, imma jien kont wieħed mill-piloti Ġermaniżi li konna attakkajna dan it-tempju. Mir-ritratti li kellna f'idejna waqt it-tiftix mill-ajru, kien hemm evidenza li f'xi żmien qabel id-data tal-attakk dehru xi nies idaħħlu fil-knisja xi kaxxi kbar li għalina kienu maħsuba li huma munizzjon. Barra minn hekk il-preżenza ta' trakkijiet tal-Militar quddiem il-knisja kienu jħassbuna aktar li l-knisja kienet qed tintuża bħala maħżen tal-munizzjon u għall-provvista tal-qamħ"***

Xhieda ta' din il-grajja huma wkoll ħuti l-oħrajn għax min jaf kemm-il darba smajna lill-papà jirrakkontah b'konsistenza. ■

